MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 587/2011

CAF Services Limited (C7548)
vs
P.D.K. Properties Limited (C19345),
P.D.K. Financial Services Limited (C18054) u Patrick Vella

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` CAF Services Limited li bih esponiet:

1. Illi permezz tal-att pubbliku fl-atti tan-Nutar John Debono tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar tas-sena elf, disa’ mija u tmienja u disghin (1998) is-socjeta` PDK Properties Limited trasferiet lis-socjeta` PDK Financial Services Limited l-utili dominju temporanju ghaz-zmien li kien ghad fadal fuq l-appartament internament immarkat bin-numru 3, fil-blokk t’appartamenti bl-isem ‘San Juan’, f’Saint George’s Road, San Giljan, proprjeta` tas-socjeta`

rikorrenti versu l-kundizzjonijiet hemmhekk pattwiti fosthom ir-rata ta' cens ossija '*canone*' hemmhekk stabilita u wkoll bil-kundizzjoni li l-hlas tal-lawdemju dovut fuq tali trasferiment ikun soggett ghall-kundizzjoni suspensiva u f'kaz li l-imsemmija socjeta` taqa' lura fil-pagamenti tac-cens fost kundizzjonijiet ohrajn (anness mar-rikors u immarkat Dok. 'A');

2. Illi wkoll permezz tal-att pubbliku fl-atti tan-Nutar John Debono tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) il-komparenti Anthony Vella llum mejjet u li jigi missier l-intimat Patrick Vella, is-socjeta` PDK Properties Limited u PDK Financial Services Limited iggarantixxa l-kundizzjonijiet u l-obbligi kollha kontenuti fl-att originali tal-enfitewsi datata 1 ta' Frar, 1992 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa inkluz kwindi l-hlas tac-cens u l-lawdemju fuq it-trasferiment;

3. Illi l-intimati naqsu milli jhallsu c-cens dovut fuq l-imsemmi appartament ghal diversi xhur tant illi huma debituri versu r-rikorrenti fis-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u sitta u erbghin (€14946.80) rapprezentanti arretrati ta' cens dovut skond mill-intimati skond l-atti surreferiti;

4. Illi in vista ta' dan giet li avverat ruhha l-kundizzjoni ravvizata fl-att pubbliku tal-25 ta' Frar, 1998 u kwindi l-intimati huma wkoll debituri fil-konfront tar-rikorrenti fis-somma ta' hdax-il elf u sebgha mija u erbghin Euro (€11740) rapprezentanti lawdemju dovut fuq it-trasferiment tal-enfitewsi skond l-istess att;

5. Illi debitament interpellati sabiex ihallsu s-somom hawn fuq referiti l-intimati naqsu milli jaghmlu dan minghajr ebda raguni valida tal-ligi;

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti, tiddeciedi din il-kawza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u:

1. Tordna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u tmenin euro u tmenin centezmi (€26686.80) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ erbatax-il elf disa’ mija u sitta u erbghin euro u tmenin centezmi (€14946.80) arretrati ta’ cens ossija ‘*canone*’ sad-data ta’ dan ir-rikors u in kwantu ghas-somma ta’ hdax-il elf, seba’ mija u erbghin euro (€11740) rapprezentanti lawdemju dovut ukoll mill-istess intimati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet lix-xhieda bil-gurament

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux ghas-seduta tal-lum, u ma deher hadd ghalihom.

Xehed Vincent Curmi, Direttur ma’ CAF Services Limited u ikkonferma l-kontenut u l-ezatezza tar-rikors a fol 1 u 2 tal-process. Zied jghid li mid-data tal-prezentata ta’ l-istess rikors ma sar ebda hlas min-naha ta’ l-intimat jew xi wiehed minnhom.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza, qed tordna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €26,686.80 rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ €14,946.80 arretrati ta’ cens ossija ‘*canone*’ sad-data ta’ dan ir-rikors u in kwantu ghas-somma ta’

€11,740 rapprezentanti lawdemju dovut ukoll mill-istess intimati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------